MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2004

Numru 399/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Nadia Lanzon**
**v**

**GINO MANZO**
**SALVATORE QUARANTA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **GINO MANZO** ta' sitta w ghoxrin sena bin Antonio u Leonarda nee Criscenti, imwieled Erice Trapani, l-Italja, nhar s-sbatax ta' Awissu 1977 u joqghod Via Milano, 216, Napola, Trapani, detentur tal-karta tal-identita Taljana numru AJ 4245183 u **SALVATORE QUARANTA** ta' hamsa w ghoxrin sena bin Pietro u Katarina nee Grasso, imwieled Erice Trapani, l-Italja nhar

t-tletin ta' Settembru 1978 u joqghod Via T.S. Montalto, 71, Paceco Trapani, l-Italja, detentur tal-karta tal-identita Taljana numru AK 2591185, gew imressqa quddiemha akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, fl-erbgha ta' Awissu 2004 u fil-jiem ta' qabel din d-data, kellhom fil-pussess taghhom r-raza mehudha mill-pjanta Cannabis jew xi perparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom z-zewg ordnijiet tal-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101, z-zewg fedini penali tal-imputati kif wkoll zewg stqarrijiet rilaxxjati miz-zewg imputati.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sitta ta’Awissu 2004, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputati u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li qed issbhom hatja tal-akkuza kif dedotta kontra taghhom.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputati sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b’hekk m’inhela ebda hin prezzjus tal-Qorti;
2. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputati mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni; u

3. Li d-droga misjuba fil-pussess taghhom kienet wahda de minimis.

**Il-Qorti** ghalhekk ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta **tiddedecidi wara li tiddikjara li ssib lil imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom li tillibera lil imputati GINO MANZO u SALVATORE QUARANTA bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor ghal perjodu ta’ sentejn mill-lum ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

<u>Oltre dan, l-Qorti tinnomina lil Ispizjar Mario Mifsud sabiex jigbor id-droga esibita f'dawn l-atti u jaghmel d-distruzzjoni taghha.</u>

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------